

**DEĊIŻJONI (UE) 2018/547 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tas-27 ta' Marzu 2018****li tinnomina kapitajiet ta' unitajiet ta' xogħol għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet fuq fondi proprji (BĊE/2018/11)**

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2017/933 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' Novembru 2016 dwar qafas ġenerali għad-delegazzjoni ta' setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet għal strumenti legali relatati ma' kompiti superviżorji (BĊE/2016/40) <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 5 tagħha,Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2018/546 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Marzu 2018 dwar id-delega tas-setgħa biex jadottaw deċiżjonijiet dwar fondi proprji (BĊE/2018/10) <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Ġiet stabbilita proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet iddelegati speċifiċi biex tindirizza n-numru konsiderevoli ta' deċiżjonijiet illi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irid jadotta għat-twettiq tal-kompiti superviżorji tiegħu.
- (2) Deċiżjoni ta' delega hija effettiva mal-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord Eżekuttiv li tinnomina kap ta' unità tax-xogħol jew aktar biex jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' dik id-deċiżjoni ta' delega.
- (3) L-importanza tad-deċiżjoni ta' delega u n-numru ta' indirizzati li lilhom iridu jintbagħtu d-deċiżjonijiet iddelegati għandhom jiġu kkunsidrati mill-Bord Eżekuttiv fin-nomina ta' kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol.
- (4) Il-President tal-Bord Superviżorju ġie kkonsultat dwar il-kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol li lilhom għandha tiġi ddelegata s-setgħa biex jadottaw deċiżjoni dwar fondi proprji.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Deċiżjonijiet iddelegati dwar fondi proprji**

Deċiżjonijiet iddelegati skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (UE) 2018/546 (BĊE/2018/10) jiġu adottati minn wieħed mill-kapijiet ta' unitajiet ta' xogħol li ġejjin:

- (a) id-Direttur Ġenerali tad-Superviżjoni Mikroprudenzjali I, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni relevanti hija mwettqa mid-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali I;
- (b) id-Direttur Ġenerali tad-Superviżjoni Mikroprudenzjali II, jekk is-superviżjoni tal-entità jew grupp taħt superviżjoni relevanti hija mwettqa mid-Direttorat Ġenerali Superviżjoni Mikroprudenzjali II; jew
- (c) jekk Direttur Ġenerali ma jkunx disponibbli, id-Deputat Direttur Ġenerali tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠUL 141, 1.6.2017, p. 14.<sup>(2)</sup> Ara paġna 105 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.<sup>(3)</sup> ĠUL 80, 18.3.2004, p. 33.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' Marzu 2018.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---